



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Frar 2020
(OR. en)

6426/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0152(COD)

RECH 83
COMPET 95
EDUC 81
CODEC 142

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6137/20 + COR1 + ADD1

Nru dok. Cion: 11227/19+ADD1

Suġġett: Anness għall-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)
Approċċ ġenerali parzjali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test tal-approċċ ġenerali parzjali dwar l-Anness għall-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), kif adottat mill-Kunsill (Kompetittività) fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Frar 2020.

**ANNES GĦALL-PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL DWAR L-AĠENDA STRATEĠIKA TA' INNOVAZZJONI TAL-ISTITUT
EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA (EIT) 2021-2027: NAGĦTU
SPINTA LIT-TALENT U LILL-KAPAĊITÀ TA' INNOVAZZJONI FL-EWROPA**

ANNES

Werrej

1.	Introduzzjoni.....	9
1.1.	Sfond	10
1.2.	Sfidi ewlenin.....	12
1.3.	Il-pożizzjonament f'Orizzont Ewropa.....	13
2.	Ngħollu l-livell: l-istrateġija tal-EIT fl-2021-2027.....	15
2.1.	Għanijiet speċifiċi tal-EIT	16
3.	Nagħtu spinta lit-talent u lill-kapaċità ta' innovazzjoni fl-Ewropa: Azzjonijiet ewlenin.....	16
3.1.	Appoġġ għall-KKI eżistenti.....	17
3.2.	Żieda fl-impatt reġjonali tal-KKI	18
3.3.	It-tnedija ta' KKI ġodda	20
3.4.	L-għoti ta' appoġġ għall-kapaċità tal-intraprenditorija u l-innovazzjoni tal-edukazzjoni għolja...21	
3.5.	Attivitajiet trasversali tal-EIT	24
3.5.1.	Komunikazzjoni	24
3.5.2.	L-identifikazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin mal-partijiet ikkonċernati.....	26
3.5.3.	Kooperazzjoni internazzjonali	27
3.6.	Mit-teorija għall-prattika: Modalità ta' operazzjoni.....	27

3.6.1.	Mudell operattiv tal-KKI	28
3.6.2.	Mudell ta' finanzjament tal-KKI.....	30
3.6.3	Ir-relazzjoni tal-EIT mal-KKI wara t-terminazzjoni tal-ftehim qafas ta' sħubija	33
3.7.	Sinerġiji u komplementarjetajiet ma' programmi oħrajn	33
4.	Riżorsi	36
4.1.	Ħtiġijiet tal-baġit	36
4.2.	Impatt (monitoraġġ u evalwazzjoni).....	38
4.2.1.	Rapportar u Monitoraġġ	38
4.2.2.	Evalwazzjoni, rieżami interim u valutazzjoni komprensiva	42
5.	Anness 1A	44
6.	Anness 1B.....	44

1. INTRODUZZJONI

Din l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tistabbilixxi l-istrateġija u l-oqsma ta' prijarità għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) għall-perijodu 2021-2027. Hija tiddefinixxi l-oġettivi, l-azzjonijiet ewlenin, il-mod kif jopera, ir-riżultati mistennija u r-riżorsi meħtieġa tiegħu. L-ASI tiżgura l-koerenza meħtieġa tal-EIT mal-[proposta dwar Orizzont Ewropa], li huwa l-programm qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perijodu 2021-2027.

L-ASI 2021-2027 hija infurmata bil-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea. Hija tqis l-abbozz ta' ASI mill-Bord Governattiv tal-EIT ippreżentat lill-Kummissjoni Ewropea fl-20 ta' Diċembru 2017, f'konformità mar-Regolament dwar l-EIT¹. Tirrifletti wkoll il-[proposta ta' Orizzont Ewropa] tal-Kummissjoni Ewropea ta' Ġunju 2018 u, b'mod partikolari, ir-rwol ewleni tal-EIT bħala parti mill-Pilastru (il-Pilastru III) [Innovazzjoni Miftuħa], u l-kontribut tiegħu sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali, inkluż il-miri stabbiliti għall-għanijiet li jirrigwardjaw il-klima, kif ukoll il-kompetittività industrijali Ewropea (il-Pilastru II) u għal xjenza eċċellenti (il-Pilastru I). L-ASI tibni fuq il-lezzjonijiet meħuda matul l-aħħar snin tat-tħaddim tal-EIT u r-riżultati ta' proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

L-ASI tiegħu kont tal-Ippjanar Strateġiku ta' Orizzont Ewropa biex tiżgura koerenza mal-attivitajiet tal-Programm Qafas, kif ukoll sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni u konsistenza mal-prijoritajiet u l-impenji tal-UE, inkluż dawk relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Hija għandha l-għan ukoll li żżid il-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn l-attivitajiet tal-EIT u l-programmi u l-prijoritajiet tal-finanzjament nazzjonali u reġjonali.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1). Emendat mir-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347, 11.12.2013, p. 174).

1.1. Sfond

L-EIT kien stabbilit fl-2008 bl-għan li jikkontribwixxi għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli billi jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea. Huwa kien minn tal-ewwel li integra l-edukazzjoni, in-negozju u r-riċerka (it-trijangolu tal-għarfien) b'enfasi qawwija fuq it-talent intraprenditorjali u l-ħiliet fl-innovazzjoni.

L-EIT jopera prinċipalment permezz tal-Komunitajiet ta' Konnoxxenza u Innovazzjoni (KKI), li huma sħubiji Ewropej fuq skala kbira kif imsemmija f'Orizzont Ewropa bejn l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tan-negozju u tar-riċerka. Attwalment hemm tmien KKI li joperaw fl-oqsma li ġejjin: it-tibdil fil-klima, it-trasformazzjoni diġitali, l-enerġija, l-ikel, is-saħħa, il-materja prima, il-mobbiltà urbana u l-manifattura b'valur miżjud.

Kull KKI ġiet organizzata madwar ċentri ta' kolokazzjoni (CLCs²) li huma maħsuba sabiex jaġixxu bħala ċentri ġeografiċi għall-integrazzjoni Prattika tat-trijangolu tal-għarfien. Huma organizzati u strutturati skont il-kuntest ta' innovazzjoni reġjonali u nazzjonali rispettiv tagħhom u jibnu fuq netwerk pan-Ewropew ta' laboratorji, uffiċċji jew kampusijiet ta' sieħeb ta' KKI.

Il-KKI għandhom l-għan li jmexxu l-portafolli tal-attivitajiet tat-trijangolu tal-għarfien permezz ta':

- *Attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ* b'komponenti intraprenditorjali b'saħħithom biex iħarrġu l-ġenerazzjoni li jmiss ta' talenti, inkluż it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi mogħtija t-Tikketta tal-EIT³, b'mod partikolari fil-livelli ta' masters u dottorat. L-aġenda tal-edukazzjoni tal-EIT hija kruċjali għall-iżvilupp ta' innovaturi intraprenditorjali u b'ħiliet għolja;

² Ċentru ta' kolokazzjoni huwa ċentru fiżiku li jippromwovi rabtiet u kollaborazzjoni attiva bejn atturi tat-trijangolu tal-għarfien u jaġixxi bħala punt fokali għall-iskambju tal-għarfien li permezz tiegħu s-sħab tal-KKI jista' jkollhom aċċess għall-faċilitajiet u l-għarfien espert meħtieġa biex jiksbu l-oġettivi komuni tagħhom.

³ It-Tikketta tal-EIT hija siġill ta' kwalità mogħti mill-EIT lil programm edukattiv ta' KKI li jikkonforma ma' kriterji ta' kwalità speċifiċi relatati, fost oħrajn, mal-edukazzjoni intraprenditorjali u l-kurrikuli innovattivi ta' "taġlim bil-prattika".

- *Attivitajiet li jappoġġaw l-innovazzjoni* biex jiżviluppaw prodotti, proċessi u servizzi innovattivi li jindirizzaw opportunità speċifika ta' negozju;
- *Attivitajiet ta' appoġġ u ħolqien tan-negozju*, bħal skemi ta' aċċeleratur maħsuba biex jgħinu lill-imprendituri jittrađu l-ideat tagħhom f'impriżi ta' suċċess u jħaffu l-proċess ta' tkabbir.

Karatteristika partikolari tal-EIT meta mqabbel ma' strumenti ta' innovazzjoni oħra hija l-attenzjoni fuq sfidi globali permezz tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-ġarhien, bl-integrazzjoni ta' attivitajiet ta' edukazzjoni għolja fil-katina ta' valur tal-innovazzjoni. L-approċċ tal-EIT jikkontribwixxi sabiex iseħħu kemm innovazzjonijiet inkrementali kif ukoll distruttivi, jindirizza b'mod effettiv il-fallimenti tas-suq u jgħin fit-trasformazzjoni tal-industriji. Dan jippermetti l-ħolqien ta' strateġiji tan-negozju fit-tul għall-indirizzar tal-isfidi globali u jgħin sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet ta' qafas li huma essenzjali sabiex ekosistema ta' innovazzjoni li tiffunzjona sewwa tkompli tikber u sabiex l-innovazzjoni tinnexxi. L-EIT stabbilixxa wkoll l-għan għall-KKI li jsiru finanzjarjament sostenibbli, li hija karatteristika unika li għandha fil-mira strument ta' innovazzjoni orjentat lejn in-negozju u r-riżultati. F'dan il-kuntest, il-KKI jridu jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji li joħolqu dħul sabiex iżommu l-ekosistema ta' innovazzjoni tagħhom u l-attivitajiet tat-trijangolu tal-ġarhien wara l-perijodu kopert mill-ftehimiet ta' għotja.

Għalhekk l-EIT joffri pjattaforma dinamika għat-tnedija, it-tkabbir, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-KKI b'effetti qawwija tan-network u b'riperkussjonijiet pożittivi. L-ewwel mewġa ta' KKI (EIT Diġitali, EIT tal-KKI għall-Klima u EIT InnoEnergy), immedja fl-2009, hija stabbilita u matura u, wara l-2024, il-ftehimiet qafas ta' sħubija tagħhom għandhom jiġu tterminati, f'konformità mat-tul massimu tal-għotja. It-tieni u t-tielet ġenerazzjonijiet tal-KKI (EIT Saħħa u EIT Materja Prima (2014), EIT Ikel (2016)) qegħdin jimmaturaw. EIT Mobilità Urbana u EIT Manifattura, iż-żewġ KKI iddeżinjati f'Diċembru 2018, bdew l-operazzjonijiet tagħhom fl-2019.

Sal-2019, kien hemm aktar minn 600 negozju, 250 HEI, 200 organizzazzjoni tar-riċerka u aktar minn 50 organizzazzjoni u awtorità tas-soċjetà ċivili li jipparteċipaw fit-tmien KKI tal-EIT.

Fl-isfond tad-disparitajiet reġjonali persistenti fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa, fl-2014 l-EIT nieda Skema ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS) biex iwessa' s-sensibilizzazzjoni reġjonali tiegħu lejn pajjiżi innovaturi modesti u moderati. Permezz tal-RIS, l-EIT espanda l-attivitajiet tiegħu madwar l-Ewropa u joffri opportunitajiet għal pajjiżi (u r-reġjuni f'dawk il-pajjiżi) bi prestazzjoni modesta u moderata tal-innovazzjoni kif definit mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (EIS) biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tat-trijangolu tal-għarfien bħala parti minn komunità tal-KKI.

1.2 Sfidi ewlenin

Matul l-aħħar għaxar snin, il-pass tal-innovazzjoni żdied b'mod drammatiku. L-innovazzjoni qed tfassal mill-ġdid is-setturi ekonomiċi, tfixxkel in-negozji eżistenti u toħloq opportunitajiet bla preċedent. B'ordni ekonomika globali li qed tinbidel u kompetizzjoni internazzjonali li qed tiżdied, id-dipendenza tal-UE fuq it-talent u l-kapaċità tagħha li tagħmel innovazzjoni qed tikber. Id-disinn konġunt, il-kollaborazzjoni u l-ħolqien konġunt fid-dixxiplini kollha u bejn l-edukazzjoni, in-negozju u r-riċerka qatt ma kienu importanti daqs illum biex jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi globali relatati mat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi naturali, it-trasformazzjoni diġitali u soċjali, il-bidliet demografiċi jew il-futur tal-kura tas-saħħa u l-ikel.

L-ewwel nett, l-ekonomiji tal-lum qegħdin ikunu mmexxija dejjem aktar mill-ħiliet u l-abbiltajiet tan-nies u tal-organizzazzjonijiet sabiex ibiddlu l-ideat fi prodotti u servizzi. Il-ħiliet fl-innovazzjoni u l-kultura intraprenditorjali jagħmlu d-differenza kollha llum il-ġurnata, b'mod partikolari fl-oqsma teknoloġiċi u xjentifiċi, iżda dejjem aktar ukoll f'dixxiplini oħrajn. Hemm ħtieġa qawwija li tissaħħaħ aktar il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Unjoni kollha. L-EIT jinsab f'pożizzjoni unika li jwettaq dan fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

It-tieni nett, wieħed mill-fatturi abilitanti ewlenin għall-innovazzjoni huwa l-prossimità fiżika. L-inizjattivi mmirati biex jiżviluppaw netwerks ta' innovazzjoni u jipprovdu servizzi li jappoġġjaw il-ħolqien, il-kondiviżjoni u t-trasferiment tal-għarfien, għandhom rwol ewlieni fit-trawwim tal-interazzjonijiet bejn in-negozji, l-akkademiċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, il-gvernijiet u individwi. Madankollu, il-prestazzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-UE, kif riflessi fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea annwali, ivarjaw b'mod konsiderevoli. Huwa ta' importanza kruċjali li l-innovazzjoni tkun inklużiva u jkollha l-għeruq tagħha fit-territorji lokali. L-attivitajiet tal-EIT huma adatti sew biex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali b'dimensjoni Ewropea qawwija.

Fl-aħħar nett, l-ekosistemi tal-innovazzjoni vibranti jeħtieġu taħlita ta' għarfien, infrastruttura u talent. Jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet ta' qafas għall-kooperazzjoni bejn ir-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni Ewropej, flimkien ma' sinerġiji b'saħħithom sabiex jiżguraw l-investiment xieraq u effiċjenti fir-riċerka u l-innovazzjoni. It-tisħiħ tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien permezz tal-KKI, inkluż permezz tal-involviment ta' sħab ġodda, huwa mod ipprovat sabiex jitrawwem ambjent li jwassal għall-innovazzjoni u huwa għan ta' gwida għall-EIT.

1. 3. Il-pożizzjonament f'Orizzont Ewropa

Bil-[proposta dwar Orizzont Ewropa] għal Programm Qafas ġdid għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perijodu 2021-2027, il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha bis-sħiħ sabiex iżżid aktar il-potenzjal innovattiv tal-Ewropa sabiex tkun tista' tirrispondi għall-isfidi tal-ġejjieni. Ir-rwol distintiv tal-EIT fit-trawwim tal-innovazzjoni billi jlaqqa' flimkien in-negozju, l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili huwa msaħħaħ mill-pożizzjonament tiegħu fil-[Pilastru Ewropa Innovattiva] tal-[proposta ta' Orizzont Ewropa]. Il-[proposta ta' Orizzont Ewropa] tirrifletti l-ambizzjoni dejjem tikber tal-UE fir-rigward tal-innovazzjoni u l-ħtieġa li twettaqha.

Il-proċess tal-Ippjanar Strateġiku ta' Orizzont Ewropa għandu l-għan li jiżgura l-koerenza bejn l-attivitajiet tal-EIT u l-bqija ta' Orizzont Ewropa. L-EIT għandu jikkontribwixxi għall-proċess strateġiku ta' koordinazzjoni għas-Sħubijiet Ewropej. L-EIT għandu jkompli jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni, li jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, billi jrawwem l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien fl-oqsma tematiċi ta' attività tal-KKI.

Is-sinerġiji b'saħħithom, inkluż permezz tal-kooperazzjoni fil-livell tal-governanza, bejn l-EIT u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) ser ikunu fundamentali għall-impatt tal-Pilastru [Ewropa Innovattiva]. L-EIT u l-EIC ser imexxu attivitajiet komplementarji mmirati biex jissimplifikaw l-appoġġ ipprovdut lill-impriżi innovattivi, inkluż servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozju u taħriġ.

L-EIC jista' jgħin lin-negozji ġodda appoġġati mill-KKI b'potenzjal għoli ta' tkabbir sabiex jikbru b'mod rapidu. B'mod partikolari, l-aktar impriżi innovattivi appoġġati mill-KKI jistgħu, jekk jintgħażlu taħt l-EIC, jibbenefikaw mill-appoġġ offrut mill-Aċċeleratur tal-EIC u/jew mill-appoġġ finanzjarju offrut mill-istrumenti ta' InvestEU. Barra minn hekk, l-EIT ser jiffaċilita l-aċċess tal-benefiċjarji tal-EIC għall-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-KKI u l-atturi rilevanti tat-trijangolu tal-għarfien. B'dan il-mod, il-benefiċjarji tal-EIC jistgħu jsiru involuti b'mod attiv fl-attivitajiet tal-KKI u jibbenifikaw mis-servizzi tal-KKI.

L-EIT ser jiżgura l-koerenza mal-linja tal-ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa. B'mod partikolari, l-EIT ser jieħu sehem attiv fl-attivitajiet tal-Forum tal-EIC u ser jistabbilixxi rabtiet bejn il-Komunità tal-EIT u l-attivitajiet rilevanti li jappoġġjaw l-ekosistemi tal-innovazzjoni sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġu żgurati l-koerenza u l-komplementarjetà tal-azzjonijiet.

L-EIT ser jiżgura sinerġiji aktar b'saħħithom ukoll ma' programmi u inizjattivi fil-Pilastru [Xjenza Eċċellenti], biex jiġi aċċelerat it-trasferiment tal-għarfien li jirriżulta mir-riċerka mingħajr għan preċiż (blue sky) f'applikazzjonijiet konkreti li minnhom tibbenifika s-soċjetà. B'mod partikolari, fir-rigward tal-Azzjonijiet Marie-Skłodowska-Curie (MSCA), l-EIT ser jikkollabora fuq l-iżvilupp tal-innovazzjoni u l-ħiliet intraprenditorjali tas-sħab tal-MSCA fl-istadji kollha tal-karriera tagħhom.

L-EIT ser jikkontribwixxi għall-Pilastru [Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea] u jikkomplementa l-attivitajiet rilevanti maħsuba biex jindirizzaw l-isfidi globali u jżidu l-kompetittività tal-UE fuq skala globali. B'mod partikolari, permezz tal-KKI tiegħu, l-EIT ser ifittex li jikkontribwixxi għal missjonijiet u raggruppamenti tematiċi rilevanti u għal Sħubiji Ewropej oħrajn pereżempju billi jappoġġa miżuri min-naħa tad-domanda u jipprovdi servizzi ta' sfruttament sabiex jagħti spinta lit-trasferiment tat-teknoloġija u jaċċellera l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati miksuba.

Ser jiġu esplorati wkoll opportunitajiet għal sinerġiji bejn il-parti tat-Twessigħ tal-parteeċipazzjoni u t-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka ta' Orizzont Ewropa u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni appoġġati mill-EIT. B'mod partikolari, l-entitajiet fil-mira tal-parti tat-Twessigħ tal-parteeċipazzjoni u t-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka ta' Orizzont Ewropa ser ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-kompetenza esperta u mill-appoġġ tal-EIT kif kull għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-EIT.

2. NGĦOLLU L-LIVELL: L-ISTRATEĠIJA TAL-EIT FL-2021-2027

Matul il-perijodu 2021-2027, l-EIT għandu jkompli jappoġġa l-KKI sabiex isaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni li jgħinu biex jiġu ttrattati l-isfidi globali, f'sinerġija mal-bqija ta' Orizzont Ewropa u programmi oħra tal-Unjoni. Għandu jagħmel dan billi jrawwem l-integrazzjoni tal-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju, biex b'hekk joħloq ambjenti li jwasslu għall-innovazzjoni, kif ukoll billi jippromwovi u jappoġġa ġenerazzjoni ġdida ta' imprendituri, jikkontribwixxi wkoll biex tonqos id-disparità bejn is-sessi fl-intrapriża u jstimola l-ħolqien ta' kumpaniji innovattivi f'sinerġija u komplementarjetà mill-qrib mal-EIC. Meta jagħmel hekk, abbażi tal-oqsma predominanti ta' intervent definiti fil-[proposta għal Orizzont Ewropa], b'mod partikolari, l-EIT għandu:

- (1) Isaħħaħ l-ekosistemi ta' innovazzjoni sostenibbli madwar l-Ewropa;
- (2) Irawwem l-innovazzjoni u l-ħiliet intraprenditorjali f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja;
- (3) Iressaq soluzzjonijiet ġodda lejn is-suq biex jiġu indirizzati sfidi globali;
- (4) Jiżgura s-sinerġiji u l-valur miżjud fi ħdan Orizzont Ewropa.

2.1 Għanijiet speċifiċi tal-EIT

F'konformità mal-isfidi identifikati li qed jiffaċċa l-EIT u biex jikkontribwixxi għall-għanijiet predominanti msemmija hawn fuq definiti għall-EIT fil-[proposta għal Orizzont Ewropa], l-għanijiet speċifiċi tal-EIT għall-perijodu 2021-2027 huma li:

- (a) Iżid il-ftuħ u l-impatt tal-KKI u l-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien fl-Unjoni kollha;
- (b) Iżid il-kapaċità intraprenditorjali u tal-innovazzjoni tas-settur tal-edukazzjoni għolja billi jippromwovi u jappoġġa t-tibdil istituzzjonali fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni;
- (c) Iżid is-sensibilizzazzjoni fuq livell reġjonali u lokali tal-EIT u l-KKI tiegħu sabiex jiġu indirizzati d-disparitajiet fil-kapaċità tal-innovazzjoni u biex jissaħħa l-għarfien u d-diffużjoni tal-innovazzjoni fl-Unjoni kollha.

B'hekk l-EIT, billi jaħdem biex jilħaq dawn l-għanijiet, ser jikkontribwixxi għall-kisba ġenerali tal-impatti xjentifiċi, ekonomiċi/teknoloġiċi u soċjetali ta' Orizzont Ewropa.

3. NAGĦTU SPINTA LIT-TALENT U LILL-KAPAĊITÀ TA' INNOVAZZJONI FL-EWROPA: AZZJONIJIET EWLENIN

L-istrategġija tal-EIT għall-2021-2027 għandha tiffoka fuq l-azzjonijiet fejn l-EIT ser iżid il-valur fil-livell tal-UE u jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' Orizzont Ewropa. L-ewwel nett, l-EIT għandu jkompli jappoġġa l-kapaċità u l-ekosistemi tal-innovazzjoni fl-Unjoni kollha permezz tal-KKI, l-iżvilupp ulterjuri tagħhom, il-ftuħ għal sħab ġodda u l-espansjoni. It-tieni, billi jibni fuq l-esperjenza tiegħu fl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien, l-EIT għandu jmexxi l-appoġġ u l-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni u intraprenditorjali fis-settur tal-edukazzjoni għolja, implimentati permezz tal-KKI. Fl-aħħar nett, permezz ta' miżuri trasversali aktar effettivi, l-EIT għandu jħabrek biex jiżgura li l-impatt tiegħu fil-livell tal-UE jiżdied. Barra minn hekk, l-EIT għandu jtejjeb ukoll l-operazzjonijiet tiegħu sabiex iżid l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tiegħu.

3.1. Appoġġ għall-KKI eżistenti

L-EIT għandu jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni billi jkompli jappoġġa l-KKI eżistenti fl-indirizzar tal-isfidi globali permezz tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u fil-livelli reġjonali u lokali. Sabiex jimplimenta dan il-kompitu, sehem kbir tal-baġit tal-EIT għandu jkun iddedikat għall-appoġġ għall-KKI, u l-EIT għandu jsaħħaħ ulterjorment il-pjattaforma tiegħu għat-tnedija, it-tkabbir, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-KKI. L-EIT għandu jiżgura li l-KKI jkomplu jfittxu s-sostenibbiltà finanzjarja sabiex jiksibu l-indipendenza finanzjarja mill-ġoġta tal-EIT l-aktar tard wara 15-il sena permezz tal-investiment pubbliku u privat, filwaqt li tinżamm l-attenzjoni fuq l-integrazzjoni tal-attivitajiet tat-trijangolu tal-għarfien.

L-EIT għandu jiżgura li l-KKI jiżviluppaw u jimplimentaw strateġija sabiex joħlqu interfaċċi, kollaborazzjoni u sinerġiji mas-Sħubiji Ewropej rilevanti, mal-missjonijiet u mal-EIC, kif ukoll ma' inizjattivi u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni. Minbarra l-appoġġ finanzjarju, l-EIT għandu jipprovi superviżjoni strateġika għall-KKI, abbażi tat-tagħlimiet meħuda, kif ukoll gwida dwar kwistjonijiet orizzontali u kwistjonijiet speċifiċi.

L-EIT għandu jiddefinixxi l-oqsma ta' kollaborazzjoni trasversali tal-KKI, u jippromwovi kollaborazzjoni aktar b'saħħitha, fuq suġġetti ta' rilevanza strateġika u politika. L-EIT għandu jsaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-KKI f'oqsma ta' interess komuni, b'mod partikolari billi jrawwem l-iskambji ta' esperjenzi u prattiki tajbin bejn il-KKI u l-kollaborazzjoni bejniethom (attivitajiet trasversali tal-KKI⁴) kemm fuq suġġetti tematiċi kif ukoll orizzontali. L-attivitajiet trasversali tal-KKI għandhom l-ogħla potenzjal, fejn bosta KKI diġà jindirizzaw il-prijoritajiet ta' politika komuni tal-UE fejn ma jeżistux KKI ddedikati. It-tlaqqiġ flimkien tal-komunitajiet differenti tal-KKI f'azzjonijiet konġunti ddedikati ta' benefiċċju reċiproku għandu potenzjal għoli għal sinerġiji u l-EIT ser jinkoraġġixxi dawn l-attivitajiet u jieħu sehem attiv fid-definizzjoni tal-kontenut u tal-istruttura tal-attivitajiet trasversali tal-KKI. Huwa għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet trasversali tal-KKI, kif ukoll ir-riżultati miksuba, bl-għan li jagħmel dawk l-attivitajiet parti integrali mill-istrateġiji tal-KKI. L-EIT għandu wkoll jiffaċilita l-istabbiliment ta' servizzi kondiviżi trasversali tal-KKI bil-għan li jiġu ttrattati b'mod konġunt il-kompiti operazzjonali komuni għall-KKI kollha.

⁴ L-attivitajiet trasversali tal-KKI huma dawk l-attivitajiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-KKI, li jrawmu approċċ aktar interdixxiplinari u li joħlqu massa kritika fost il-KKI biex jindirizzaw suġġetti ta' interess komuni.

3.2 *Żieda fl-impatt reġjonali tal-KKI*

L-EIT għandu jkompli jżid l-impatt reġjonali tiegħu permezz ta' ftuħ imtejjeb tal-KKI lejn firxa wiesgħa ta' sħab potenzjali u partijiet ikkonċernati madwar l-Unjoni u permezz ta' strateġija reġjonali artikulata aħjar tal-KKI, inkluż b'links għall-Istrateġiji ta'

Speċjalizzazzjoni Intelliġenti rilevanti. B'mod partikolari, l-EIT għandu jiżgura li l-KKI jkollhom approċċ inklużiv. Il-KKI għandhom ikunu meħtieġa jiżviluppaw u jimplimentaw strateġija li jkollha l-għan li ssaħħaħ ir-relazzjoni tagħhom mal-atturi tal-innovazzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali. L-EIT għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha b'mod attiv. Għandu jiġi integrat approċċ ta' innovazzjoni "ibbażata fuq il-post" fi ħdan l-istrateġija pluriennali u l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-KKI u dan għandu jibni fuq is-CLCs (u l-RIS) tal-KKI, sabiex b'hekk ir-rwol tagħhom jintuża bħala portal għall-aċċess għal komunità ta' KKI u għall-interazzjoni mas-sħab kolokati, kif ukoll ma' atturi tal-innovazzjoni lokali oħra. Il-KKI għandhom juru rabtiet ma' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, fejn rilevanti, u mal-attivitajiet ta' pjattaformi tematiċi rilevanti u inizjattivi interreġjonali, inklużi l-Awtoritajiet Maniġerjali tal-Fondi SIE. L-EIT għandu jissorvelja wkoll kif joperaw is-CLCs u l-entitajiet tal-RIS u kif dawn jintegraw fl-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali.

L-EIT għandu jiżgura li l-attivitajiet tal-RIS tal-EIT ser jintużaw biex iħajru u jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' sħab ġodda potenzjali li jżidu l-valur lill-KKI, u b'hekk tiġi estiża l-kopertura pan-Ewropea tal-EIT, u li dawn l-attivitajiet ikunu integrati kompletament fl-istrategġija pluriennali tal-KKI. L-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali tal-EIT, immexxija mill-EIT u implimentata mill-KKI sa issa tmexxiet fuq bażi volontarja. Mill-2021 'il quddiem, l-attivitajiet tal-RIS tal-EIT għandhom isiru obbligatorji u parti integrali mill-istrategġija pluriennali tal-KKI. L-EIT għandu jkompli jipprovdi gwida u appoġġ lill-KKI fit-tnejn ta' strategġiji pluriennali tal-RIS tal-EIT u fl-implimentazzjoni tagħhom. L-attivitajiet tal-RIS tal-EIT għandhom ikomplu jappoġġjaw il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-pajjiżi (u r-reġjuni f'dawk il-pajjiżi) li għandhom prestazzjoni ta' innovazzjoni modesta u moderata skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea⁵, kif ukoll ir-Reġjuni Ultraperiferiċi, sabiex titrawwem l-integrazzjoni tagħhom fil-komunitajiet tal-KKI. Il-baġit tal-EIT iddedikat għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' RIS tal-EIT għandu jkun mill-inqas 10 % u mhux aktar minn 15 % tal-finanzjament ġenerali tal-EIT lill-KKI eżistenti u lil dawk ġodda, sabiex b'hekk jiżied l-għadd ta' sħab tal-KKI minn reġjuni fil-mira.

L-attivitajiet appoġġati permezz tal-RIS għandu jkollhom l-għan li:

- itejbu l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-ekosistema lokali, permezz ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u interazzjonijiet aktar mill-qrib bejn l-atturi tal-innovazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien lokali (pereżempju raggruppamenti, networks, awtoritajiet pubbliċi, HEIs, organizzazzjonijiet tar-riċerka, istituzzjonijiet tal-ETV, SMEs) u l-attivitajiet tagħhom;
- jappoġġjaw l-oġettiv li jiġu mħajra sħab ġodda fil-KKI u jorbtu l-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali ma' ekosistemi tal-innovazzjoni pan-Ewropej.

⁵ Għall-perijodu 2021-2024, il-pajjiżi eliġibbli għal attivitajiet tal-RIS tal-EIT huma dawk identifikati bħala innovatur "moderat" jew "modest" f'mill-inqas wieħed mit-tliet rapporti annwali tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea (EIS) maħruġa fl-2018, l-2019 u l-2020. Għall-perijodu 2025-2027, il-pajjiżi eliġibbli għal attivitajiet tal-RIS tal-EIT huma dawk identifikati bħala innovatur "moderat" jew "modest" f'mill-inqas wieħed mit-tliet rapporti annwali tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea (EIS) maħruġa fl-2021, l-2022 u l-2023.

3.3 *It-tnedija ta' KKI ġodda*

Sabiex jikkontribwixxi fl-indirizzar ta' sfidi globali emerġenti u ġodda, l-EIT għandu jniedi sejħiet għall-istabbiliment ta' KKI ġodda f'oqsma tematiċi magħżula ta' importanza strateġika, billi jibda b'KKI fil-qasam tal-Industriji Kulturali u Kreattivi.

Il-qasam ta' prijorità għat-tnedija ta' KKI fl-2023 u l-lista ta' oqsma ta' prijorità possibbli għat-tieni KKI ġdida fl-2026 huma stipulati fl-Anness 1A għal din l-ASI.

Abbażi ta' proposta mill-Bord tat-Tmexxija tal-EIT u analiżi tagħha, l-ewwel KKI fil-qasam tal-Industriji Kulturali u Kreattivi (CCI) hija proposta li titnieda fl-2023 b'sejħa għall-proposti li għandha tiġi ppubblikata fl-2022. Dan il-qasam ta' prijorità għandu l-aktar komplementarjetà b'saħħitha mat-tmien KKI li diġà ġew immedija mill-EIT, kif ukoll mal-oqsma ta' prijorità potenzjali għal Sħubiji Ewropej oħrajn li għandhom jitniedu fil-qafas ta' Orizzont Ewropa. Skeda informattiva li tiġbor fil-qosor l-isfidi tal-qasam tas-CCI u l-impatt mistenni tal-KKI futura hija inkluża fl-Anness 1B għal din l-ASI.

Abbażi tal-baġit propost għall-EIT, fl-2026 tista' titnieda t-tieni KKI ġdida, b'sejħa li għandha tiġi ppubblikata fl-2025. Għal dan il-għan, sal-2024 il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza tal-lista ta' oqsma ta' prijorità possibbli fl-Anness 1A u, fejn xieraq, tista' tippreżenta proposta għal emenda għall-Anness 1A u l-Anness 1B, b'kont meħud tal-kontribut tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT kif ukoll tal-proċess tal-Ippjanar Strateġiku ta' Orizzont Ewropa.

Jekk isir disponibbli baġit addizzjonali għal dak tal-EIT, jistgħu jiġu identifikati oqsma ta' prijorità oħrajn ġodda għal KKI potenzjali ġodda skont il-proċedura msemmija hawn fuq.

Il-kriterji għall-għażla ta' KKI ġodda għandhom jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti għall-għażla tas-Sħubiji Ewropej definiti fl-Anness III tar-[Regolament dwar Orizzont Ewropa], b'mod partikolari n-natura miftuħa, it-trasparenza, il-valur miżjud tal-UE, il-koerenza u s-sinerġiji. Dawk il-kriterji għandhom jiġu inklużi fis-Sejħa għall-proposti tal-KKI u jiġu vvalutati matul l-evalwazzjoni. Il-KKI l-ġodda ser jappoġġjaw ukoll it-twettiq tal-prijoritajiet tal-politika tal-UE, bħal pereżempju missjonijiet u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

3.4. L-għoti ta' appoġġ għall-kapaċità tal-intraprenditorija u l-innovazzjoni tal-edukazzjoni għolja

B'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-EIT għandu jfassal u jniedi proġett pilota maħsub sabiex jappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja, li ser jiġi implimentat permezz tal-KKI, u li jibda fl-2021. Permezz tal-mudell ta' integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien, l-EIT qed tnaqqas id-diskrepanza persistenti bejn l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, l-EIT huwa għodda ewlenija għall-iżvilupp tal-kapital uman permezz tal-enfasi distintiva tiegħu fuq l-edukazzjoni intraprenditorjali. Madankollu, l-impatt tal-EIT għandu jiġi estiż aktar lil hinn mis-sħab tal-KKI. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa jeħtieġ li jkunu innovattivi u intraprenditorjali fl-approċċ tagħhom għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-involviment man-negozji u l-ekosistema tal-innovazzjoni lokali usa', inkluża s-soċjetà ċivili. Dan jista' jinkiseb permezz ta' strateġija ċara, qafas metodoloġiku u impenn tar-riżorsi.

L-attivitajiet għandhom jiġu implimentati b'mod miftuħ u trasparenti li jkollu l-għan li jżid il-kapaċità tal-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja, u jkunu mmirati l-iżjed lejn HEIs li mhumiex sħab tal-KKI fil-katini tal-valur tal-innovazzjoni u l-ekosistemi madwar l-Unjoni. L-attivitajiet għandhom jindirizzaw primarjament l-iżvilupp tal-kapaċità ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, inkluż, fost oħrajn: l-iskambju u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki fl-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien (inkluż it-tagħlim organizzattiv, l-ikkowċjar u l-mentoraġġ); l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati f'oqsma bħall-ġestjoni tal-innovazzjoni, il-ħolqien u l-iżvilupp ta' negozji ġodda, it-trasferiment tat-teknoloġija inkluż il-ġestjoni tal-IPR, il-ġestjoni organizzattiva u tal-persuni u l-involviment ta' partijiet ikkonċernati (lokali) u s-soċjetà ċivili; u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni u s-segwitu tagħhom. Dawn l-attivitajiet għandhom jinvolvu wkoll atturi oħra tat-trijangolu tal-għarfien (pereżempju l-organizzazzjonijiet tal-ETV, l-RTOs, l-SMEs u n-negozji ġodda) u għandhom jikkomplementaw l-intervent tal-EIT fuq l-edukazzjoni bħala l-parti ċentrali tal-attivitajiet ta' Integrazzjoni tat-Trijangolu tal-Għarfien tal-KKI. L-EIT għandu jippromwovi kollaborazzjoni trasversali tal-KKI fi ħdan din l-inizjattiva. Il-kriterji tal-eliġibbiltà li għandhom jiġu inklużi fis-sejthiet għandhom jiżguraw li l-biċċa l-kbira tal-finanzjament għal kull proġett ser imur lejn l-HEIs minn barra l-KKI. L-għan huwa li l-impatt tal-EIT jilħaq lil hinn mill-KKI u jikkontribwixxi għall-missjoni ċentrali tal-EIT li tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-kompetittività bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Istati Membri. Dan huwa konformi mal-għanijiet ta' Orizzont Ewropa tat-trawwim ta' ħliet intraprenditorjali u ta' innovazzjoni f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, inkluż iż-żieda fil-kapaċitajiet ta' HEIs madwar l-Ewropa.

L-appoġġ tal-EIT ser jibni wkoll fuq inizjattivi ta' politika bħall-oqfsa ta' HEInnovate⁶ u RIIA⁷ li wrew il-valur tagħhom f'għadd ta' HEIs u Stati Membri madwar l-UE. L-EIT għandu jfassal l-attivitajiet ta' appoġġ f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni sabiex jiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà sħaħ mal-attivitajiet rilevanti fi ħdan Orizzont Ewropa, Erasmus u programmi oħrajn. Id-dettalji speċifiċi tal-proċess tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni u twassil għandhom jiġu żviluppati aktar u rfinati fl-ewwel tliet snin u ser ikunu soġġetti għal monitoraġġ u evalwazzjoni matul din il-fażi pilota. L-evalwazzjoni tal-fażi pilota ser issir minn esperti esterni u r-riżultati ser jiġu kkomunikati lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri. Abbażi tar-riżultati ta' din l-evalwazzjoni, il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddeċiedi jekk l-azzjoni għandhiex titkompla u tiżdied jew titwaqqaf.

Il-Bord tat-Tmexxija tal-EIT għandu jmexxi u jissorvelja l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-KKI. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-iżgurar ta': approċċ miftuħ u inklużiv sabiex jattira lill-HEIs lil hinn mis-sħab tal-KKI bil-għan ta' kopertura ġeografika wiesgħa; approċċ interdixxiplinari u intersettorjali; u rabta ma' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti rilevanti, u l-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali tal-EIT.

⁶ HEInnovate huwa qafas ta' politika żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea u mill-OECD. HEInnovate joffri lill-HEIs metodoloġija sabiex jidentifikaw l-oqsma ta' kapaċità tal-innovazzjoni għall-iżvilupp ulterjuri u sabiex ifasslu l-istrateġiji u l-azzjonijiet rilevanti bl-għan li jiksbu l-impatt mixtieq. HEInnovate huwa bbażat fuq evidenza metodoloġika soda bi tmien oqsma ta' żvilupp tal-kapaċità: It-Tmexxija u l-Governanza; It-Trasformazzjoni Diġitali; Il-Kapaċità Organizzattiva; It-Tagħlim u l-Apprendiment Intraprenditorjali; It-Tħejjija u l-Appoġġ lill-Imprendituri; L-Iskambju tal-Għarfien; L-Internalizzazzjoni; u l-Kejl tal-Impatt. L-OECD ippubblikat għadd ta' rapporti tal-pajjiżi bbażati fuq HEInnovate, ara s-serje tal-Istudji dwar il-Ħiliet tal-OECD fuq <https://www.oecd-ilibrary.org/education/>

⁷ Il-qafas tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Innovazzjoni Reġjonali (RIIA) ġie żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea bħala l-ewwel pass fil-gwida għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-innovazzjoni tal-universitajiet permezz tal-elaborazzjoni ta' studji ta' każijiet ibbażati fuq il-metriċi. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-innovazzjoni, pereżempju, permezz tal-qafas tal-RIIA, tista' potenzjalment tintrabat mal-istrumenti ta' finanzjament ibbażati fuq il-prestazzjoni tal-innovazzjoni fil-livell reġjonali, nazzjonali jew tal-UE.

L-EIT għandu jsaħħaħ u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tat-Tikketta tal-EIT lil hinn mill-KKI biex jinkludi l-HEIs li jipparteċipaw fl-azzjoni. Bl-involvement tal-atturi mit-trijangolu tal-għarfien kollu, l-EIT għandu jħabrek biex jgħaqqad l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja mat-Tikketta tal-EIT, li bħalissa qed tingħata lill-programmi ta' edukazzjoni tal-KKI. B'mod partikolari, l-HEIs parteċipanti jistgħu jkunu involuti fl-użu tat-Tikketta tal-EIT.

L-EIT għandu jestendi wkoll it-Tikketta tal-EIT għal attivitajiet ta' taġġim tul il-ħajja li jinvolvu u jilhqgħu grupp fil-mira usa' ta' studenti, studenti adulti u istituzzjonijiet (inklużi istituzzjonijiet tal-ETV) lil hinn mill-KKI. L-applikazzjoni tat-Tikketta lil hinn mill-komunità tal-EIT **hi mistennija li** jkollha effett aktar strutturat fil-livelli kollha (indivdwal, tal-programm u tal-istituzzjoni). L-EIT għandu jissorvelja wkoll l-għoti tat-Tikketta tal-EIT lill-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-KKI u jesplora mekkaniżmu ta' assigurazzjoni tal-kwalità aktar effettiv, inklużi r-rikonoxximent u l-akkreditazzjoni esterni għat-Tikketta tal-EIT.

Sabiex jiżgura s-suċċess ta' din l-azzjoni, l-EIT għandu jipprovdi gwida, għarfien espert u kknoweġar speċifiċi lill-HEIs parteċipanti. Għal din l-azzjoni, l-EIT għandu jimmira lejn l-HEIs minn madwar l-Ewropa iżda ser jagħti attenzjoni partikolari lill-HEIs minn pajjiżi (u reġjuni f'dawk il-pajjiżi) li huma innovaturi moderati u modesti li jixtiequ jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tagħhom, isaħħu l-impronta tal-innovazzjoni tagħhom u l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti.

3. 5. Attivitajiet trasversali tal-EIT

3.5.1 Komunikazzjoni

L-EIT għandu jħabrek biex itejjeb il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tiegħu għall-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-Istati Membri u jiżgura l-viżibbiltà tal-appoġġ tal-UE f'konformità mal-approċċ ta' komunikazzjoni ta' Orizzont Ewropa. B'għadd dejjem jikber ta' KKI u azzjoni għdida li tappoġġa l-iżvilupp intraprenditorjali tal-HEIs, l-EIT għandu jsaħħaħ l-isforzi tiegħu biex iżid ir-rikonoxximent tiegħu bħala marka ta' kwalità għall-innovazzjoni. Din il-komunikazzjoni mtejbja hija kruċjali, speċjalment għaċ-ċittadini, billi l-innovazzjonijiet li joħorġu mill-EIT jikkontribwixxu biex juru l-impatt konkret tal-investimenti tal-UE permezz tal-programm qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni.

L-EIT għandu jħabrek biex iżid l-użu tan-netwerks ta' informazzjoni tal-UE eżistenti u jipprovdi koordinazzjoni għall-attivitajiet tagħhom sabiex jiżgura pariri u gwida aħjar lis-sħab potenzjali tal-KKI tal-EIT. Sabiex jiżgura tixrid usa' u fehim aħjar tal-opportunitajiet offriti mill-EIT, l-EIT ser isahha il-gwida u l-assistenza dwar aspetti relatati mal-parteċipazzjoni fil-KKI tal-EIT madwar l-Ewropa billi jibni fuq in-netwerks ta' informazzjoni u strutturi eżistenti madwar l-Ewropa, b'mod partikolari l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Orizzont Ewropa. L-istabbiliment konkret ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-EIT fi ħdan l-istruttura ta' Orizzont Ewropa ser jiġi deċiż fil-livell xieraq flimkien mal-Kummissjoni. Sabiex jiġi żgurat li komunità kbira ta' partijiet ikkonċernati tul it-triangolu tal-għarfien fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE tkun konxja mis-sejthiet u l-proġetti ffinanzjati kollha tal-EIT (u l-KKI), dawn ser jidhru wkoll fil-Portal Ewropew tal-Opportunitajiet ta' Offerti u Finanzjament, taħt Orizzont Ewropa.

L-EIT għandu jorganizza laqgħat regolari tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, kif ukoll servizzi relatati mal-Kummissjoni, mill-inqas darbtejn fis-sena, biex jiżgura komunikazzjoni xierqa u fluss ta' informazzjoni mal-Istati Membri u fil-livell tal-UE. L-Istati Membri għandhom jinżammu debitament infurmati dwar il-prestazzjoni, il-kisbiet u l-attivitajiet tal-EIT u l-KKI. Barra minn hekk, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri għandu jagħti pariri dwar kwistjonijiet strateġikament importanti għall-EIT. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, flimkien mal-EIT, għandu jiżgura wkoll appoġġ xieraq biex jikkomunika u jippromwovi sinerġiji dwar attivitajiet appoġġati mill-EIT ma' programmi u inizjattivi nazzjonali jew reġjonali, u jikkondividi informazzjoni dwar il-kofinanzjament nazzjonali u/jew reġjonali potenzjali ta' dawk l-attivitajiet.

L-EIT għandu jkompli jżid il-viżibbiltà tal-azzjoni tiegħu lejn iċ-ċittadini u l-komunità ta' partijiet ikkonċernati permezz tal-Forum tal-Partijiet Interessati, il-Premjijiet tal-EIT u l-Alumni tal-EIT. L-għan huwa li jiġu promossi l-interazzjonijiet mal-atturi Ewropej tat-triangolu tal-għarfien u li jiġu rikonoxxuti l-intraprendituri u l-innovaturi l-aktar promettenti fl-Ewropa.

L-EIT għandu jkompli jmessi u jipprova għidha strateġika lill-Komunità ta' Alumni tal-EIT⁸ (b'kollaborazzjoni mal-Bord tal-Alumni tal-EIT) sabiex jimmassimizza l-impatt intraprenditorjali u soċjetali tiegħu u l-involvement kontinwu tal-membri tiegħu fl-attivitajiet appoġġati mill-EIT. Matul il-perijodu 2021-2027, il-Komunità ser tkompli tikber u tinkludi wkoll l-alumni li jieħdu sehem fl-azzjonijiet li jappoġġaw il-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-HEIs.

3.5.2 L-identifikazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin mal-partijiet ikkonċernati

L-EIT għandu jidentifika, jikkodifika, u jikkondividi b'mod effettiv it-tagħlim u l-prattiki tajbin li jgħid li mill-attivitajiet iffinanzjati mill-EIT u jinvolvi lill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali u mal-Kummissjoni, billi jistabbilixxi djalogo strutturat u jikkoordina l-isforzi sabiex jiġu identifikati, kondiviżi u disseminati l-prattiki t-tajbin u t-tagħlimiet. Il-KKI u l-proġetti li jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-kapaċità intraprenditorjali tal-HEI huma mistennija jkunu sors siewi ta' evidenza u tagħlim sperimentali għal dawk li jfasslu l-politika fil-qasam tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni, kif ukoll fl-oqsma tematiċi differenti tagħhom.

Sa issa, il-prattiki tajbin u t-tagħlimiet li jgħid li mill-KKI għadhom ma għewx ikkodifikati biżżejjed u mxerrda b'mod effettiv. L-EIT għandu jkompli jiżviluppa r-rwol tiegħu bħala istitut tal-innovazzjoni li jista' jiskopri, janalizza, jikkodifika, jikkondividi u jiżgura l-adozzjoni ta' prattiki innovattivi, lezzjonijiet u riżultati mill-attivitajiet iffinanzjati mill-EIT (l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-appoġġ għall-innovazzjoni, l-appoġġ għall-intraprenditorija) fuq skala usa'. Din l-attività ser tibni fuq ir-rabtiet u s-sinerġiji mal-inizjattivi l-oħrajn fi ħdan il-[Pilastru Ewropa Innovattiva] tal-[proposta għal Orizzont Ewropa].

⁸ Il-Komunità ta' Alumni tal-EIT tlaqqa' flimkien imprendituri u aġenti tal-bidla li pparteċipaw fi programm ta' edukazzjoni jew intraprenditorija mwassal minn KKI. Il-Komunità tirrappreżenta network ta' aktar minn 5000 membru.

3.5.3 Kooperazzjoni internazzjonali

L-EIT għandu jiżviluppa linji wesgħin ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-EIT u tal-KKI taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT, f'konformità mal-approċċ ta' Orizzont Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali u politiki rilevanti oħrajn tal-UE, u wara konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni rispettivi. Fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-EIT, l-EIT ser ifittex impatt akbar tal-attivitajiet tiegħu permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali u għandu jikkoordina l-attivitajiet internazzjonali ffinanzjati mill-EIT mill-KKI. L-enfasi tiegħu għandha tkun li jallinja mill-qrib mal-oġettivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-prijoritajiet tagħha għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-iżgurar tal-valur miżjud Ewropew. Fil-kooperazzjoni internazzjonali tiegħu, l-EIT, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jiffoka fuq l-indirizzar effettiv tal-isfidi globali, jikkontribwixxi għal inizjattivi internazzjonali rilevanti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiżgura aċċess għat-talent u provvista u domanda msaħħa ta' soluzzjonijiet innovattivi.

3.6. Mit-teorija għall-prattika: Modalità ta' operazzjoni

Din it-taqsimha tinkludi għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jadattaw u jtejbu l-funzjonament attwali tal-EIT u tal-KKI. Bord tat-Tmexxija tal-EIT effettiv, mogħti s-setgħa u strateġiku għandu jissorvelja l-implimentazzjoni ta' daww il-miżuri fil-livell tal-EIT u għandu jipprovdi l-inċentivi u l-kontroll meħtieġa, inkluż permezz tal-proċess tal-allokazzjoni ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-KKI jimplimentawhom.

3.6.1. Mudell operattiv tal-KKI

L-EIT għandu jiżgura li l-implimentazzjoni tal-KKI tkun f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti rispettivi li jirriżultaw mir-regolament dwar Orizzont Ewropa, inkluż l-iżgurar tat-transizzjoni ta' tmien KKI eżistenti lejn it-twettiq tal-kriterji l-ġodda ta' implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa għas-Sħubiji Ewropej. Għalhekk, l-EIT għandu jipprovdi gwida operattiva msaħħa lill-KKI u ser jissorvelja b'mod kontinwu l-prestazzjoni tal-KKI f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni tajba, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni stabbiliti fir-Regolament dwar l-EIT, kif ukoll il-prinċipji u l-kriterji stabbiliti għas-Sħubiji Ewropej fir-regolament dwar Orizzont Ewropa u l-allinjament mal-prijoritajiet u l-indikaturi ta' Orizzont Ewropa sabiex jimmassimizza l-prestazzjoni u l-impatt tagħhom. Għandhom jittieħdu miżuri korrettivi xierqa f'każ li l-KKI trendi inqas, tagħti riżultati inadegwati jew ma jkollhiex biżżejjed valur miżjud Ewropew.

L-EIT għandu jiżgura li l-aċċess miftuħ kontinwu tal-KKI jittejjeb b'mod partikolari billi jiżgura li l-KKI japplikaw kriterji ta' adeżjoni koerenti, ċari u trasparenti għal membri ġodda li jżidu l-valur għas-sħubiji, kif ukoll dispożizzjonijiet oħra bħal proċeduri trasparenti għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negożju tagħhom bil-monitoraġġ sistematiku tal-attivitajiet tal-KKI. Il-KKI għandhom ukoll imexxu l-attivitajiet tagħhom b'mod kompletament trasparenti u għandhom jibqgħu sħubiji miftuħin u dinamiċi li sħab ġodda madwar l-Unjoni, inkluż sehem dejjem jikber ta' SMEs, li jżidu valur lis-sħubija, jistgħu jissieħbu fihom abbażi tal-eċċellenza u r-rilevanza tal-innovazzjoni. Sabiex tiġi limitata l-konċentrazzjoni tal-finanzjament u jiġi żgurat li l-attivitajiet tal-KKI jibbenifikaw minn network wiesa' ta' sħab, il-proċedura għat-tħejjija tal-Pjan ta' Direzzjoni tan-Negożju (inkluża l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet, l-għażla tal-attivitajiet u l-allokazzjoni tal-fondi) u deċiżjonijiet dwar il-finanzjament relatati għandhom isiru aktar trasparenti u inklużivi. L-istrateġiji pluriennali tal-KKI għandhom jindirizzaw l-espansjoni tas-sħubija, inkluż l-istabbiliment ta' ċentri ta' kolokazzjoni ġodda li għalihom il-Bord ta' Tmexxija għandu jalloka baġit adegwat. Meta jiddeċiedi dwar il-finanzjament, il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis il-progress lejn il-miri indikati fl-istrateġiji pluriennali, fost oħrajn, l-għadd ta' ċentri ta' kolokazzjoni. Il-KKI għandhom jagħmlu s-sejħiet aktar miftuħa, b'mod partikolari għal proġetti li huma miftuħa għal partijiet terzi. Dawn il-miżuri kollha ser iżidu l-għadd ta' entitajiet parteċipanti involuti fl-attivitajiet tal-KKI. Fl-aħħar nett, il-KKI għandhom jirrappurtaw dwar l-involvement ta' sħab ġodda fir-rapportar regolari tagħhom bħala wieħed mill-elementi tal-finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni tagħhom.

Peress li l-KKI joperaw tul il-katina tal-valur sħiħa tal-innovazzjoni, l-EIT għandu jiżgura bilanċ xieraq tal-attivitajiet ta' edukazzjoni, intraprenditorija u innovazzjoni fil-Pjanijiet tan-Negożju tal-KKI u li l-operazzjonijiet tal-KKI ser jiġu implimentati permezz ta' struttura sempliċi u kosteffiċjenti li żżomm l-ispejjeż amministrattivi u ta' ġestjoni għall-inqas ammont possibbli. L-EIT għandu jiżgura li l-KKI jipproduċu l-impatti mistennija tagħhom permezz ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet, identifikati fil-Pjanijiet ta' Direzzjoni tan-Negożju tal-KKI, li jappoġġaw b'mod effettiv l-issodisfar tal-għanijiet tagħhom inkluż l-impatt potenzjali fuq l-ekosistemi ta' innovazzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE. L-impenji mis-sieħeb ta' kull KKI matul il-perijodu kuntrattwali tal-inizjattiva għandhom jiġu żgurati permezz tal-monitoraġġ regolari tal-kontribuzzjonijiet tas-sieħeb attwali kontra l-impenji oriġinali. L-EIT għandu jiżgura li l-KKI jkollhom sistema ta' ġestjoni tar-riskji fis-seħħ għal każijiet fejn xi sħab ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-impenji oriġinali tagħhom.

3.6.2. *Mudell ta' finanzjament tal-KKI*

Permezz ta' mudell ta' finanzjament effiċjenti u ssimplifikat, l-EIT mistenni li jtejjeb l-impatt u l-kontribut tal-KKI lejn il-kisba tal-għanijiet tal-EIT u tal-Programm Orizzont Ewropa kif ukoll jinċentiva l-impenn mis-sħab tal-KKI. Sabiex iżid il-valur miżjud tal-appoġġ tiegħu, l-EIT għandu jadatta l-mudell ta' finanzjament tiegħu. Hemm erba' oqsma ewlenin fejn l-EIT għandu jimplimenta titjib.

L-ewwel nett, l-EIT għandu jnaqqas gradwalment ir-rata ta' finanzjament tiegħu għal attivitajiet ta' valur miżjud għall-KKI sabiex iżid il-livelli tal-investimenti pubbliċi u privati.

L-adattament tal-mudell ta' finanzjament mistenni jiffaċilita lill-KKI fit-transizzjoni lejn is-sostenibbiltà finanzjarja. Mistenni jinċentivahom biex inaqqsu gradwalment, matul il-perjodu tal-ftehimiet qafas ta' sħubija, is-sehem tal-finanzjament tal-EIT fil-Pjan ta' Direzzjoni tan-Negozju tagħhom, filwaqt li jżidu l-livell ta' investiment konġunt minn sorsi mhux tal-EIT. Għandhom ikunu applikabbli rati ta' finanzjament tal-EIT għal attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI tul il-fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-KKI (il-bidu, iż-żieda, il-maturità, il-ħruġ mill-għotja tal-EIT) kif ippreżentat hawn taħt.

	Bidu	Żieda	Maturità	Ħruġ mill-għotja tal-EIT
Snin	1 - 4	5 - 7	8 - 11	12 - 15
Rata ta' Finanzjament tal-EIT	Sa 100 %	Sa 80 %	Sa 70 %	Sa 50 % fit-12-il sena, li tonqos b'10 % fis-sena

Figura 4: Ir-rati ta' kofinanzjament tal-EIT għall-perjodu 2021-2027

It-tieni, l-EIT għandu jiżgura li l-proċess ta' allokazżjoni tal-għotjiet ser isegwi mudell ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-użu ta' għotjiet pluriennali għandu jizzied. Il-finanzjament tal-EIT għandu jkun direttament marbut mal-progress magħmul fl-oqsma definiti fl-Artikoli 10 u 11(2) tar-Regolament dwar l-EIT u lejn l-oġġettivi tal-KKI kif jinsabu fil-pjanijiet tan-negozju tagħhom, u jista' jitnaqqas, jinbidel jew jitwaqqaf f'każ ta' nuqqas ta' riżultati. L-EIT għandu, fost oħrajn, jipprovdi inċentivi aktar b'saħħithom lill-KKI biex jinstabu sħab ġodda kif ukoll jieħu miżuri korrettivi, b'mod partikolari abbażi tal-prestazzjoni individwali tagħhom biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' impatt.

It-tielet, l-EIT għandu japplika regoli stretti għat-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' valutazzjoni qabel l-iskadenza tal-ewwel perjodu inizjali ta' 7 snin ta' operazzjonijiet tal-KKI f'konformità mal-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament dwar l-EIT. Din il-valutazzjoni li trid titwettaq bl-għajnuna ta' esperti esterni għandha tkun konformi mal-aħjar prattika internazzjonali, skont il-kriterji ta' monitoraġġ u evalwazzjoni stabbiliti għas-Sħubiji Ewropej fir-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Għandha sseħħ qabel ma jiskadi l-perjodu inizjali ta' seba' snin. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddeċiedi li jew ikompli l-kontribuzzjoni finanzjarja lil KKI, li jimmodifikaha jew inkella li jwaqqafha (b'hekk ma jiġix estiż il-ftehim qafas ta' sħubija ma' dik il-KKI) u jerġa' jalloka r-riżorsi għal attivitajiet bi prestazzjoni aħjar. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jitlob opinjoni mill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri qabel ma jieħu dik id-deċiżjoni.

Fl-aħħar nett, l-EIT għandu jkompli bl-isforzi tiegħu lejn is-simplifikazzjoni sabiex itaffi l-piż amministrattiv⁹ bla bżonn tal-KKI, billi jippermetti l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Direzzjoni tan-Negozju annwali u tal-istrateġija pluriennali tagħhom b'aġilità u b'mod effiċjenti. Dan jaf jinkludi l-użu ta' somma f'daqqa jew kostijiet unitarji għall-attivitajiet rilevanti tal-KKI. Barra minn hekk, sabiex jipprovdi ppjanar aħjar tar-riżorsi, b'mod partikolari tal-attivitajiet ta' innovazzjoni, kif ukoll sabiex jiffaċilita impenn aktar b'saħħtu u investment fit-tul mis-sħab li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-KKI, l-EIT ser jiffirma ftehimiet ta' għotja pluriennali mal-KKI inkluż dispożizzjonijiet għal finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, meta jkun xieraq, taħt il-ftehimiet qafas ta' sħubija rispettivi. Dawn il-ftehimiet ta' għotja pluriennali jenħtieġ li ma jaqbżux it-tliet snin.

⁹ B'mod partikolari, ir-rapportar annwali dwar l-attivitajiet komplementarji tal-KKI għandu jitwaqqaf, kif irrakkomandat mill-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali tagħha tal-2016 (Rakkomandazzjoni 1, p. 51).

3.6.3 *Ir-relazzjoni tal-EIT mal-KKI wara t-terminazzjoni tal-ftehim qafas ta' sħubija*

L-EIT għandu jiżviluppa l-prinċipji ġenerali għar-relazzjoni mal-KKI wara t-terminazzjoni tal-ftehim qafas ta' sħubija, f'konformità mal-qafas ta' Orizzont Ewropa għas-Sħubiji Ewropej. Soġġett għal studju indipendenti fil-fond b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, sal-aħħar tal-2023, l-EIT għandu jiddefinixxi l-qafas ġenerali għar-relazzjonijiet tiegħu mal-KKI li għalihom il-Ftehim Qafas ta' Sħubija jkun ser jintemm matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Abbażi tal-qafas ġenerali u soġġett għal eżitu pożittiv ta' rieżami finali, l-EIT jista' jikkonkludi "Memorandum ta' Kooperazzjoni" (MtK) ma' KKI, bl-għan li jżomm kooperazzjoni attiva magħha wara t-terminazzjoni tal-ftehim qafas ta' sħubija. Dan il-Memorandum għandu jinkludi, fost oħrajn:

- drittijiet u obbligi marbuta mal-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tat-trijangolu tal-għarfien kif ukoll il-manutenzjoni tal-ekosistema u n-netwerk tal-KKI, l-użu tal-isem tal-EIT, il-parteċipazzjoni fil-Premijiet tal-EIT u finizjattivi oħra organizzati mill-EIT; l-użu tat-Tikketta tal-EIT għall-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ; u r-relazzjonijiet mal-Komunità tal-Alumni tal-EIT;
- il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'sejħiet kompetittivi tal-EIT għal xi attivitajiet speċifiċi, fejn rilevanti, pereżempju attivitajiet trasversali tal-KKI. Il-Bord ta' Tmexxija ser iqis l-istudju indipendenti fil-fond meta jiddefinixxi t-tipi ta' attivitajiet li għandhom jiġu appoġġati permezz ta' sejħiet kompetittivi.

3. 7. Sinerġiji u komplementarjetajiet ma' programmi oħrajn

Billi jibni fuq l-ambitu wiesa' tal-azzjoni u r-rwol distintiv tiegħu, l-EIT jinsab f'pożizzjoni tajba sabiex joħloq sinerġiji u jipprovdi komplementarjetajiet, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet, ma' programmi jew strumenti oħrajn tal-UE, inkluż billi jsaħħaħ l-appoġġ tiegħu lill-KKI fl-attivitajiet ta' ppjanar u implimentazzjoni tagħhom. Il-lista ta' hawn taħt toffri eżempji konkreti fejn l-EIT mistenni jikkontribwixxi għal sinerġiji għal żmien medju sa twil lil hinn minn Orizzont Ewropa.

Erasmus

- L-Erasmus u l-EIT ser jistabbilixxu sinerġiji bejn il-komunitajiet rispettivi tagħhom. Il-kooperazzjoni għandha tkun immirata lejn l-iżgurar tal-aċċess għall-istudenti tal-Erasmus li jipparteċipaw f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja sħab tal-KKI għall-iskejjel tas-sajf tal-KKI jew għal attivitajiet ta' taħriġ rilevanti oħrajn (pereżempju, dwar l-intraprenditorija u l-ġestjoni tal-innovazzjoni) u sabiex jiġu stabbiliti kuntatti man-network ta' alumni tal-KKI.
- L-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu wkoll l-ġhoti ta' taħriġ mill-EIT/KKI lill-persunal akkademiku (li ġej mill-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja kollha, lil hinn mill-KKI) għall-kurrikuli li jintegraw l-intraprenditorija u l-innovazzjoni, kif ukoll l-ittestjar, l-adozzjoni u ż-żieda ta' prattiki innovattivi żviluppati fi ħdan in-networks tal-Erasmus (bħall-Alleanzi ta' Għarfien bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u n-negozji) minn KKI u viċi versa.
- Fejn possibbli, għandhom jiġu żgurati sinerġiji mal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, li jistgħu jgħinu fl-integrazzjoni tal-attivitajiet edukattivi tal-EIT sabiex jintlaħaq impatt sistemiku.

Programm Ewropa Diġitali (DEP)

- Il-KKI ser jikkollaboraw ma' Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali sabiex jappoġġjaw it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku.
- ser tiġi esplorata l-fattibbiltà li jintużaw infrastrutturi u kapaċitajiet żviluppati fi ħdan id-DEP (pereżempju riżorsi ta' data u libreriji ta' algoritmi ta' intelliġenza artifiċjali; ċentri ta' kompetenza tal-computing ta' prestazzjoni għolja fl-Istati Membri) mill-KKI fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, kif ukoll għal finijiet ta' ttestjar u dimostrarazzjoni fi proġetti ta' innovazzjoni.

Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni (b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew)

- Il-KKI tal-EIT, permezz taċ-ċentri ta' kolokazzjoni tagħhom u l-entitajiet tal-RIS, għandhom jippromwovu kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali bejn l-atturi tat-trijangolu tal-għarfien (l-edukazzjoni, ir-riċerka, in-negozju) u l-awtoritajiet maniġerjali, f'sinerġija mal-kooperazzjoni interreġjonali u l-investimenti tul il-ktajjen tal-valur f'oqsma ta' prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-ħidma tal-pjattaformi tematiċi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. L-EIT għandu jesplora wkoll il-kontribut għall-inizjattivi ta' żvilupp tal-ħiliet taħt il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni permezz ta' skambju tal-aħjar prattiki.
- Fejn rilevanti, l-EIT għandu jippromwovi l-kollaborazzjoni bejn il-Pjattaformi ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti u l-KKI rilevanti sabiex jiġu ffaċilitati s-sinerġiji bejn ir-riżorsi tal-EIT, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u programmi Ewropej, nazzjonali u/jew reġjonali oħra.

InvestEU

- Il-KKI tal-EIT għandhom ifittxu l-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Konsultattiv InvestEU sabiex jipprovdu appoġġ tekniku u assistenza lill-impriżi appoġġati mill-KKI għat-tħejjija, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġetti.
- Il-KKI tal-EIT għandhom jagħmlu hilitom biex jikkontribwixxu għall-Portal InvestEU biex iqarrbu lill-investituri u l-intermedjarji finanzjarji lejn l-impriżi appoġġati mill-KKI, b'kollaborazzjoni mill-qrib mas-servizzi tal-Kummissjoni u f'sinerġija mal-EIC.

Ewropa Kreattiva

- Il-Programm ġdid Ewropa Kreattiva ser ikun fost oħrajn rilevanti għall-attivitajiet ta' KKI futura dwar is-CCI. Għandhom jiġu żviluppati sinerġiji u komplementarjetajiet b'saħħithom mal-programm f'oqsma bħall-ħiliet kreattivi, l-impjiegi u l-mudelli tan-negozju.

- Il-KKI għandhom ifittxu kooperazzjoni man-Netwerk Enterprise Europe (EEN) u mal-Gruppi Settorjali tiegħu sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn negozju u ieħor, it-trasferiment tat-teknoloġija u s-sħubiji ta' innovazzjoni għal imprendituri li jixtiequ jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom fl-UE kollha u lil hinn minnha. L-organizzazzjonijiet tal-EEN ser jippromwovu l-attivitajiet tal-KKI tal-EIT fost l-SMEs kliġenti tagħhom. L-EIT għandu jesplora l-kooperazzjoni fil-programmi ta' mobbiltà għall-imprendituri ġodda sabiex itejbu l-ħiliet intraprenditorjali tagħhom.

4. RIŻORSI

4.1. *Ħtiġijiet tal-baġit*

Il-ħtiġijiet tal-baġit tal-EIT fil-perjodu 2021-2027 huma ta' EUR [3 000] miljun u huma bbażati fuq żewġ komponenti ewlenin: 1) in-nefqa għat-tmien KKI eżistenti (li tirrifletti li, għal tlieta minnhom, il-ftehimiet qafas ta' sħubija ser jiġu fi tmiemhom sal-2024) u t-tnejja ta' żewġ KKI ġodda (fl-2023 u l-2026); u 2) in-nefqa amministrattiva.

Madwar EUR [2920] miljun (97 % tal-baġit totali tal-EIT) huwa maħsub biex jiffinanzja KKI eżistenti u ġodda li minnu:

- mill-inqas 10 % u massimu ta' 15 % għandu jiġi ddedikat għall-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali;
- massimu ta' 7 % għandu jiġi ddedikat għal attivitajiet trasversali tal-KKI, inkluż sejħiet kompetittivi indirizzati lill-KKI li għalihom il-ftehim qafas ta' sħubija jkun intemm;
- massimu ta' 3 % għandu jiġi ddedikat għal proġett pilota ġdid biex jgħin fl-iżvilupp tal-kapaċità intraprenditorjali u ta' innovazzjoni tal-HEI.

Permezz tal-introduzzjoni ta' rata ta' finanzjament tal-EIT li tonqos gradwalment, il-KKI huma mistennija li jimmobilizzaw EUR [1 500] miljun oħra minn sorsi pubbliċi u privati oħrajn. Il-baġit għat-tnedija ta' żewġ KKI ġodda (li jridu jitnedew fl-2023 u fl-2026, rispettivament) ser ikun ta' madwar EUR [300] miljun. Jekk ikun disponibbli baġit addizzjonali għal dak tal-EIT, l-EIT jista' jniedi wkoll KKI addizzjonali.

L-EIT għandu jkompli jkun organizzazzjoni effiċjenti u dinamika. Il-kostijiet tan-nefqa amministrattiva, li jkopru l-kostijiet neċessarji tal-persunal, amministrattivi, tal-infrastruttura u operazzjonali, ser jiżdedu, iżda bħala medja, ma jaqbżux it-3 % tal-baġit tal-EIT. Parti min-nefqa amministrattiva hija koperta mill-Ungerija permezz tal-forniment ta' spazju għal uffiċini mingħajr ħlas sal-aħħar tal-2029. Għalhekk, fuq din il-bażi, in-nefqa amministrattiva ser tkun ta' madwar EUR [80] miljun għall-perjodu 2021-2027.

4.2. *Impatt (monitoraġġ u evalwazzjoni)*

Il-kejl tal-impatt tal-EIT mistenni jittejjeb kontinwament matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss billi jitqiesu l-lezzjonijiet meħuda u l-esperjenzi miksuba sa issa. L-EIT għandu japplika qafas ta' evalwazzjoni, rappurtar u monitoraġġ f'konformità mal-Artikoli 10, 11 u 19 tar-Regolament dwar l-EIT u jiżgura koerenza mal-approċċ ġenerali li ttieħed għal Orizzont Ewropa filwaqt li jaħseb għall-flessibbiltà. B'mod partikolari, iċ-ċrieki ta' informazzjoni reċiproka bejn il-Kummissjoni, l-EIT u l-KKI għandhom jittejbu biex l-għanijiet jiġu indirizzati b'mod konsistenti, koerenti u effiċjenti.

4.2.1. *Rapportar u Monitoraġġ*

L-EIT għandu jtejjeb is-sistemi ta' monitoraġġ attwali tiegħu u jintroduċi qafas ta' rapportar u monitoraġġ, inklużi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, allinjati mal-Mogħdijiet Ewlenin tal-Impatt tal-[programm Orizzont Ewropa]. Ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni operattiva tal-KKI u r-risultati tagħhom ser ikunu komplitu primarju tal-EIT u għandhom jiġu implimentati b'kooperazzjoni mas-servizzi korporattivi komuni ta' Orizzont Ewropa. Is-sistema ta' rapportar u monitoraġġ għall-KKI għandha tkun inkorporata fis-sistema ta' monitoraġġ ġenerali ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' mudelli ta' data komuni, inkluż il-ġbir tad-data maħżuna f'bażi tad-data komuni. Il-Kummissjoni għandha tiegħu sehem fit-tfassil konġunt tal-indikaturi u l-ġhodod tal-impatt u tal-monitoraġġ rilevanti kollha żviluppati jew applikati mill-EIT sabiex tiżgura l-kompatibbiltà u l-konsistenza mas-sistema ta' monitoraġġ ġenerali ta' Orizzont Ewropa, inklużi l-mogħdijiet tal-impatt ewlenin, il-qafas tal-kriterji għas-Sħubiji Ewropej u l-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku. Monitoraġġ kontinwu, kif ukoll proċeduri interim ta' rieżami u valutazzjoni, inkluż għall-istabbiliment ta' sett ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi u l-miri u l-linja bażi relatati tagħhom, għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija. Barra minn hekk, l-EIT għandu jqis l-iskjerament tal-metodoloġija tar-Radar tal-Innovazzjoni f'Orizzont Ewropa, u għandu jesplora kif ir-Radar tal-Innovazzjoni jista' jintuża mill-KKI għat-titjib tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tiegħu.

Ir-risultati ta' tali monitoraġġ għandhom jikkontribwixxu għall-proċessi tal-ippjanar tan-negożju tal-KKI u jiddeterminaw l-allokazzjoni ta' finanzjament għall-attivitajiet tal-KKI bbażat fuq il-prestazzjoni tal-EIT u dwar it-tnejn tal-ftehimiet ta' sħubija qafas u ta' ftehimiet dwar l-għotjiet bil-KKI bħala benefiċjarji. Barra minn hekk, ir-risultati tal-monitoraġġ tal-KKI mistennija jikkontribwixxu għall-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għas-Sħubiji Ewropej.

L-attivitajiet tal-EIT, inkluż dawk ġestiti permezz tal-KKI, huma mistennija li jkollhom

- (1) *impatt teknoloġiku/ekonomiku/ta' innovazzjoni* billi jinfluwenzaw il-ħolqien u t-tkabbir tal-kumpaniji, kif ukoll il-ħolqien ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali, jinħolqu impjiegi diretti u indiretti u jiġu mmobilizzati investimenti pubbliċi u privati oħrajn;

- (2) *impatt xjentifiku u edukattiv* billi jsaħħu l-kapital uman fir-riċerka u l-innovazzjoni, billi jtejbu l-ħiliet innovattivi u intraprenditorjali kemm fil-livell individwali kif ukoll f'dak organizzazzjonali, kif ukoll billi jrawmu l-ħolqien u t-tixrid tal-ġharfien u l-innovazzjoni b'mod miftuħ fis-soċjetà;
- (3) *impatt soċjetali* billi jindirizzaw il-prijoritajiet tal-politika tal-UE fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, l-enerġija, il-materja prima, is-saħħa jew l-ikel permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi, involviment maċ-ċittadini u mal-utenti finali u billi jsaħħu l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi f'dawn l-oqsma fis-soċjetà.

L-EIT għandu jiżgura l-iżvilupp tal-indikaturi soċjetali speċifiċi fl-oqsma ta' attività tal-KKI u l-monitoraġġ regolari tiegħu f'konformità mal-qafas ta' Orizzont Ewropa għall-impatt soċjetali. Għandhom jiġu żviluppati indikaturi addizzjonali, inklużi indikaturi tal-impatt soċjetali fl-oqsma ta' attività tal-KKI, mill-EIT flimkien mal-Kummissjoni f'konformità mal-iżvilupp tal-qafas tal-indikaturi tal-programm Orizzont Ewropa u dawn għandhom jirriflettu l-approċċ ġenerali għas-Sħubiji Ewropej sabiex jikkontribwixxu għall-impatt xjentifiku, ekonomiku u soċjetali. B'mod ġenerali, l-allinjament tal-indikaturi tal-impatt ma' Orizzont Ewropa għandu l-għan li jissorvelja l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti matul iż-żmien. Dan mistenni jiżgura bażi ta' evidenza komparattiva dwar ir-riżultati u l-impatti ġġenerati mill-KKI rigward il-bqija tal-programm. Barra minn hekk, l-EIT għandu jiżgura li s-sistema ta' monitoraġġ tiġbor il-progress fir-rigward tal-attivitajiet speċifiċi għall-mudell tal-KKI, bħall-integrazzjoni tat-triangolu tal-ġharfien u l-ħiliet intraprenditorjali. Pereżempju, l-indikaturi dwar l-attivitajiet relatati mal-edukazzjoni tal-EIT (inklużi dawk li jappoġġjaw il-kapaċitajiet tal-HEIs) għandhom jimmonitorjaw l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet tal-kapital uman (għal żmien qasir), il-karriera (għal żmien medju) u l-kundizzjonijiet tax-xogħol (għal żmien twil), l-involviment tal-HEIs u t-titjib tal-kapaċità (għal żmien qasir) jew ir-rwol u l-prestazzjoni tal-HEIs fl-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali (għal żmien medju u twil).

Il-monitoraġġ kontinwu tal-KKI għandu jindirizza, fost oħrajn, l-aspetti li ġejjin:

- Il-progress lejn is-sostenibbiltà finanzjarja
- Il-progress lejn kopertura u ftuħ pan-Ewropej
- L-effikaċja fl-aċċellerazzjoni tan-negozju (fost oħrajn ħolqien u appoġġ ta' inizjattivi imprenditorjali bi tkabbir għoli)
- L-ispejjeż amministrattivi u ta' ġestjoni tal-KKI.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi l-lista mhux eżawrjenti ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-miri tagħhom li mistennija jiġu ssorveljati mill-EIT fil-perijodu 2021-2027. Dawn l-indikaturi jipprovdu l-orjentazzjonijiet ewlenin tal-input u tal-output għall-monitoraġġ tal-kisba tal-għanijiet ewlenin tal-EIT għall-perjodu 2021-2027, bħalma huma t-trawwim tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija permezz ta' edukazzjoni aħjar, iż-żieda tal-impatt reġionali u lokali u l-ftuħ tiegħu lejn is-sħab potenzjali u l-partijiet ikkonċernati, l-iżgurar ta' bilanċ bejn id-dħul u l-ispejjeż, il-ħolqien ta' ċentri ta' kolokazzjoni ġodda u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda għall-isfidi globali għas-suq.

Indikaturi ta' Prestazzjoni Ewlenin	Mira 2023 (linja bażi 2020)	Mira 2027 (linja bażi 2020)
L-għadd ta' entitajiet/organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI	Żieda ta' 20 %	Żieda ta' 50 %
L-għadd ta' innovazzjonijiet (prodotti u servizzi) immedija fis-suq	1.500	4.000
Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja involuti fl-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI	285	680
L-għadd ta' studenti involuti fl-attivitajiet ta' edukazzjoni tal-EIT u tal-KKI	8.500	25.500
L-għadd ta' negozji ġodda appoġġati	300	700
Kofinanzjament tal-KKI	EUR 700 miljun	EUR 1 500 miljun
L-għadd ta' entitajiet/organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI minn reġjuni barra r-reġjuni CLC tal-KKI	Żieda ta' 50 %	Żieda ta' 100 %

L-EIT għandu jiżgura li d-data tal-proġett li huwa jiġbor permezz tas-sistema ta' monitoraġġ intern tiegħu, inklużi r-riżultati mill-KKI, ikunu integrati bis-sħiħ fis-sistema ġenerali tal-ġestjoni tad-data tal-programm Orizzont Ewropa. L-EIT għandu jiżgura li l-informazzjoni dettaljata li tirriżulta mill-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tiegħu tiġi magħmula disponibbli fil-ħin u tkun aċċessibbli f'bażi ta' data elettronika komuni dwar l-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa. Barra minn hekk, l-EIT għandu jiżgura rapportar iddedikat dwar l-impatti kwantitattivi u kwalitattivi, inkluż dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji impenjati u effettivament ipprovduti.

4.2.2. Evalwazzjoni, rieżami interim u valutazzjoni komprensiva

L-evalwazzjonijiet perjodiċi tal-attivitajiet tal-EIT, inklużi dawk ġestiti permezz tal-KKI, għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-EIT u r-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Skont l-Artikolu 19, paragrafu 2, tar-Regolament dwar l-EIT, dawn l-evalwazzjonijiet għandhom b'mod partikolari jivvalutaw l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-attivitajiet tal-EIT, inkluż permezz tal-KKI tagħha. Għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjonijiet esterni indipendenti u ser jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet ġenerali interim u finali ta' Orizzont Ewropa.

Kull KKI għandu jkun soġġett għal valutazzjoni komprensiva mill-EIT bl-appoġġ ta' esperti esterni qabel tmiem is-seba' sena tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija, kif ukoll għal rieżami finali qabel it-tmiem tiegħu f'każ ta' estensjoni. Abbażi tal-ewwel valutazzjoni, il-Bord ta' Tmexxija għandu jiddeċiedi jekk jestendix il-Ftehim Qafas ta' Sħubija iktar mill-ewwel seba' snin, filwaqt li r-rieżami finali għandu jintuża bħala bażi biex jiġi nnegożjat il-Memorandum ta' Kooperazzjoni possibbli. F'dawn il-valutazzjonijiet, skont l-Artikolu 11, paragrafu 2, tar-Regolament dwar l-EIT, il-Bord ta' Tmexxija tal-EIT għandu jqis b'mod partikolari l-kriterji ta' monitoraġġ stipulati għas-Sħubiji Ewropej fir-regolament dwar Orizzont Ewropa, il-ksib tal-oġġettivi tal-KKI, u l-koordinazzjoni tiegħu ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u innovazzjoni, il-livell miksub ta' sostenibbiltà finanzjarja, il-kapaċità tal-KKI li jiżgura mentalità miftuħa għal membri ġodda u l-kisba tiegħu f'li jiġbed membri ġodda, fil-limiti tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament dwar l-EIT, il-valur miżjud tal-UE u r-rilevanza fir-rigward tal-oġġettivi tal-EIT.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 11, paragrafu 1a, tar-Regolament dwar l-EIT, l-EIT, taħt is-superviżjoni tal-Bord ta' Tmexxija, għandu jħejji rieżamijiet interim tal-prestazzjoni u l-attivitajiet tal-KKI li jkopru l-ewwel tliet snin tagħhom tal-ftehim qafas ta' sħubija (jiġifieri l-fażi inizjali tal-KKI) u, jekk ikun il-każ, it-tliet snin wara l-estensjoni tagħhom (jiġifieri l-fażi ta' maturità). Dawk ir-rieżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-monitoraġġ annwali mwettaq mill-EIT; huma għandhom jgħinu lill-Bord ta' Tmexxija tal-EIT biex jikseb indikazzjonijiet bikrin dwar il-prestazzjoni tal-KKI fir-rigward tal-istrateġiji u l-miri tagħhom, kif ukoll dwar il-konformità ma' indikazzjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija tal-EIT.

Skont l-Artikolu 11, il-paragrafu 3, tar-Regolament dwar l-EIT, fil-każ li l-monitoraġġ kontinwu, ir-rieżamijiet interim jew il-valutazzjonijiet komprensivi ta' KKI juru progress inadegwat f'oqsma msemmija fl-Artikolu 10 jew nuqqas ta' valur miżjud Ewropew, il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu miżuri korrettivi xierqa. Il-miżuri korrettivi jistgħu jieħu l-forma ta' tnaqqis, modifika jew irtirar tal-kontribut finanzjarju tal-EIT, kif ukoll rakkomandazzjonijiet vinkolanti relatati mal-attivitajiet jew is-suġġerimenti tal-KKI għall-adattamenti għall-mudell tal-implimentazzjoni u l-mudell operazzjonali tagħhom.

Ir-riżultati ta' dawn ir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet interim għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, ikkomunikati lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri u rrapportati fil-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għas-Sħubiji Ewropej.

5. ANNESS 1A

Il-qasam ta' prijorità għat-tnedija ta' Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni għada fl-2023 huwa: Industrij Kulturali u Kreattivi.

Il-lista ta' oqsma ta' prijorità possibbli għat-tnedija tat-tieni Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni għada fl-2026 hija:

- L-Ilma, il-Baħar, u l-Qasam Marittimu
- Sigurtà u Reżiljenza
- Inklużjoni, Integrazzjoni u Migrazzjoni

6. ANNESS 1B

SKEDA INFORMATIVA DWAR IL-KOMUNITÀ TA' KONOXXENZA U INNOVAZZJONI "INDUSTRIJI KULTURALI U KREATTIVI"

L-Isfida

L-Industriji Kulturali u Kreattivi (CCI) jistgħu jgħibu soluzzjoni orizzontali għal firxa ta' sfidi li qegħdin jiżdiedu, li huma ta' natura permanenti, u jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Dawn l-isfidi jistgħu jinġabru f'erba' pilastri: 1) il-kreattività, id-diversità kulturali u l-valuri tal-Ewropej; 2) l-identità u l-koeżjoni tal-Ewropa; 3) l-impjiegi, ir-reżiljenza ekonomika u t-tkabbir intelliġenti tal-Ewropa; u 4) l-Ewropa bħala attur globali.

Il-kreattività u d-diversità kulturali tal-Ewropej jiddependu fuq setturi kulturali u kreattivi reżiljenti u robusti. Madankollu, daww is-setturi, partikolarment is-settur awdjoviżiv jew tal-mużika, qed jiffaċċjaw għadd ta' sfidi bħala riżultat taż-żieda fil-kompetizzjoni mill-parteċipanti globali u l-bidla diġitali.

- Jeħtieġ li l-produtturi, id-distributuri, ix-xandara, it-teatri taċ-ċinema u t-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet kulturali jinnovaw sabiex jattiraw ġenerazzjonijiet ġodda ta' udjenzi.
- In-nuqqas ta' ħiliet intraprenditorjali u trasversali fis-CCI¹⁰ jikkonċerna kemm is-subsetturi emerġenti kif ukoll daww maturi ħafna li jgħaddu minn trasformazzjoni diġitali profonda. Dawn il-ħiliet huma meħtieġa għall-innovazzjoni u kruċjali fid-dawl tal-bidliet fis-suq tax-xogħol li qed jiffaċċa s-settur.

L-isfidi tas-soċjetà relatati mal-**identità u l-koeżjoni Ewropej** ġeneralment jistgħu jiġu deskritti f'termini ta' nuqqas ta' "pontijiet" li jgħaqqdu partijiet differenti tas-soċjetà, inklużi territorji differenti. Dawn jinkludu kwistjonijiet relatati mal-esklużjoni soċjali, il-ħtieġa li jinbnew konnessjonijiet interkulturali aktar mill-qrib u li jiġi żviluppat sens ta' appartenenza komuni abbażi tad-diversità kulturali u l-wirt komuni tagħna, li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' aktar parteċipazzjoni inklużiva u aċċessibbli tal-komunità, innovazzjonijiet fid-disinn, arkitettura u l-użu ta' spazji pubbliċi, kif ukoll innovazzjoni soċjali mmexxija mill-kultura. B'mod partikolari:

- Hemm kooperazzjoni limitata bejn ir-riċerkaturi u bejn ir-riċerka u l-industrija, kif ukoll koordinazzjoni insuffiċjenti tal-isforzi fir-riċerka u l-iżvilupp, il-kondiviżjoni tal-metodi, ir-riżultati u l-aħjar prattiki.
- Il-livell ta' integrazzjoni ta' raggruppamenti kreattivi u ċentri ta' innovazzjoni huwa insuffiċjenti.
- Sehem sinifikanti tal-prijoritajiet reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fl-Ewropa jirreferi għall-kultura taħt angoli differenti (pereżempju l-wirt kulturali, l-industrija kreattiva, l-arti, eċċ.). Minħabba r-rwol importanti tal-kultura u tal-kreattività għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-bliet u r-reġjuni u l-abbiltà tagħhom li jgħinu aktar sabiex jindirizzaw kwistjonijiet ta' disparità madwar l-Ewropa, il-potenzjal tal-KKI fis-CCI huwa għoli.

¹⁰ L-istudji kulturali u kreattivi fl-universitajiet Ewropej huma ffokati l-aktar fuq il-"parti kreattiva" u l-gradwati tagħhom mhux dejjem ikunu lesti biex jidħlu fis-suq tax-xogħol modern, minħabba li ma jkollhomx ħiliet transsettoralji (intraprenditorjali, diġitali, tal-ġestjoni finanzjarja). Fir-rigward tal-HEIs, l-UE għadha wara l-Istati Uniti tal-Amerka fl-istudji tal-Komunikazzjoni u l-Midja (filwaqt li l-universitajiet tal-UE qegħdin jaħdmu aħjar f'dixxiplini aktar tradizzjonali bħall-Arti u d-Disinn jew l-Arti tal-Ispettaklu).

L-isfidi relatati mal-**impjegi, ir-reżiljenza ekonomika u t-tkabbir intelliġenti tal-Ewropa** jinkludu kwistjonijiet ekonomiċi bħall-qgħad (speċjalment il-qgħad fost iż-żgħażaġħ) u l-kompetizzjoni globali.

- Hemm konċentrazzjoni għolja fis-suq: madwar 50 % tal-fatturat totali u tal-valur miżjud jiġi ġġenerat fil-Ġermanja, fir-Renju Unit u fi Franza.
- L-industriji Ewropej iridu jaffaċċjaw l-isfidi tad-diġitizzazzjoni u tal-globalizzazzjoni kif ukoll tal-impatt qawwi tagħhom fuq il-mod kif l-artisti jipproduċu u jqassmu x-xogħlijiet tagħhom u jirrelataw mal-udjenzi tagħhom.
- Produzzjonijiet kreattivi, kulturali u artistiċi spiss jiffaċċjaw l-isfida li jagħmlu l-flus mill-produzzjoni u l-prodotti tagħhom, u b'hekk joħolqu oqsma ferm prekarji ta' xogħol. Jenħtieġ li jinstabu modi innovattivi ġodda ta' kif jiġu appoġġati organizzazzjonijiet u intrapriżi kreattivi ta' skala mikro, żgħira u medja.

Fl-aħħar nett, ir-rwol tal-**Ewropa bħala attur globali** jinkludi l-ħtieġa li jittejjeb it-tixrid tal-kontenut kulturali maħluq fl-Ewropa. L-Ewropa trid tibqa' kompetittiva fit-tellieqa diġitali globali għall-ħolqien ta' teknoloġiji ġodda (pereżempju AI, IoT, blockchain) li għalihom is-CCI huma ġeneraturi importanti ta' kontenut, prodotti u servizzi globalment. Barra minn hekk, fuq skala globali, is-CCI (pereżempju d-disinn, l-arkitettura, eċċ.) jikkontribwixxu b'mod attiv għall-iżvilupp sostenibbli u jixprunaw l-innovazzjoni ekoloġika, filwaqt li l-kontenut kulturali (il-letteratura, il-films u l-arti) jista', flimkien mal-valur awtonomu tiegħu, iqajjem kuxjenza dwar problemi ekoloġiċi u jinforma l-opinjoni pubblika.

Rilevanza u Impatt

KKI tal-EIT dwar is-CCI – bl-approċċ olistiku u integrat tagħha – ser tgħin sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kollha definiti hawn fuq. Billi tkopri kważi s-setturi kollha ta' ħajjitna, tas-soċjetà u tal-ekonomija, tali KKI ser tkun rilevanti ħafna f'termini tal-impatt ekonomiku u soċjetali, filwaqt li tisfrutta opportunitajiet strateġiċi għall-innovazzjoni ekonomika, teknoloġika kif ukoll soċjali.

L-innovazzjonijiet ibbażati fuq il-kultura u xprunati mill-kreattività jagħtu spinta lill-kompetittività Ewropea direttament billi joħolqu intrapriżi u impjiegi ġodda jew indirettament billi joħolqu benefiċċji transsettorjali għall-ekonomija usa', itejbu l-kwalità tal-ħajja u jżidu l-attraenza tal-Ewropa. Is-CCIs huma dejjem aktar meqjusa bħala sorsi ġodda ta' tkabbir u impjiegi intelliġenti, sostenibbli u inklużivi, li diġà qegħdin jimpjegaw aktar minn 12-il miljun persuna fl-UE, li jammontaw għal 7,5 % tal-persuni kollha impjegati fl-UE.

Il-kontribut tal-kultura u tal-kreattività għall-innovazzjoni mhuwiex limitat għall-impatt dirett tas-CCI, minħabba li l-innovazzjoni b'mod estensiv qed tiġi xprunata dejjem aktar minn fatturi mhux teknoloġiċi bħall-kreattività, id-disinn u proċessi organizzattivi jew mudelli ta' negozju ġodda. B'mod partikolari, CCI bi ktajjen ta' valur distinti (jiġifieri l-mużika, l-arti, id-disinn, il-moda, l-awdjovizi, il-logħob tal-kompjuter, l-arkitettura ...) għandhom kapaċità ta' innovazzjoni b'saħħitha f'termini ekonomiċi u huma kapaċi jmessu l-innovazzjoni f'setturi oħrajn tal-ekonomija.

Il-kultura u l-parteeipazzjoni f'attivitajiet kulturali għandhom impatt dirett fuq il-benesseri taċ-ċittadini u l-inklużjoni soċjali. Is-CCI jtejb u l-valuri soċjetali tal-identità, id-demokrazija u l-parteeipazzjoni tal-komunità. Il-kultura għandha potenzjal kbir li ssaħħa s-sens ta' appartenenza Ewropew, fejn id-diversità tirrappreżenta vantaġġ. Dan huwa ta' importanza fundamentali biex ikunu permessi r-reżiljenza, l-aċċess soċjali, il-koeżjoni tas-soċjetà, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi politiċi tal-Ewropa u l-ħtieġa ta' unità.

KKI tal-EIT dwar is-CCI tagħti s-setgħa lill-opportunitajiet tan-netwerk, il-kollaborazzjoni, il-ħolqien konġunt u t-trasferiment tal-ġarfien bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju, fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi u ma' setturi oħrajn tas-soċjetà u l-ekonomija. Din ser tikkatalizza inizjattivi minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE. ser tiżviluppa l-kundizzjonijiet qafas meħtieġa għall-ħolqien u ż-żieda ta' impriżi ġodda f'ekosistemi innovattivi. ser tipprovdi lir-riċerkaturi u lill-istudenti f'ħafna dixxiplini (inklużi l-arti, l-umanistika, in-negozju, ix-xjenzi soċjali u x-xjenza pura applikata) u lill-imprendituri tas-CCI u setturi oħrajn bl-ġarfien u l-ħiliet meħtieġa sabiex iwasslu soluzzjonijiet innovattivi u jbidluhom f'opportunitajiet ta' negozju ġodda. Din ser tippermetti aktar fertilizzazzjoni trasversali ma' setturi ekonomiċi u industrijali oħra, filwaqt li taġixxi bħala aċċeleratur għall-innovazzjoni.

Sinerġiji u Komplementarjetajiet ma' inizjattivi eżistenti

KKI fis-CCI tkun komplementarja għal għadd ta' inizjattivi tal-Unjoni oħrajn, kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri. Is-sinerġiji ewlenin mistennija fil-livell tal-UE huma ppreżentati hawn taħt.

KKI dwar is-CCI mistennija tistabbilixxi sinerġiji b'saħħithom ma' inizjattivi ta' politika rilevanti taħt il-Programm Orizzont Ewropa u, b'mod partikolari, taħt il-Pilastru II mar-raggruppament [Soċjetà Inklużiva u Sigura] u l-oqsma ta' intervent tagħha fuq il-Patrimonju Kulturali u d-Demokrazija. KKI futura tista' ttipprovdi wkoll inputs orizzontali siewja f'diversi attivitajiet li jridu jitwettqu fir-raggruppament [Diġitali u Industrija], b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji tal-manifattura li fihom il-ħtieġa li jiġu żviluppati prodotti ġodda tiddependi ħafna fuq is-CCI. Barra minn hekk, din tista' tikkomplementa b'mod effiċjenti partijiet oħrajn tal-Programm Orizzont Ewropa, l-intervent tal-EIT Diġitali eżistenti u l-azzjonijiet previsti taħt programmi tal-UE oħrajn bħal InvestEU, Ewropa Diġitali jew il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

Il-Programm ġdid Ewropa Kreattiva ser ikun rilevanti ħafna għall-attivitajiet tal-KKI dwar is-CCI. Il-Programm jeleġġi linji u sejħiet speċjali li jirriflettu wħud mill-isfidi diġà msemmija li qed jiffaċċa s-settur (pereżempju l-ħiliet u l-impjiegi tal-kreattivi, il-mudelli tan-negozju, eċċ.) u jenħtieġ li jiġu żviluppati sinerġiji u komplementarjetajiet b'saħħithom. Taħt l-InvestEU, u fil-kuntest ta' aċċess limitat għall-finanzi għas-setturi kulturali u kreattivi, jistgħu jkunu mistennija sinerġiji mal-Faċilità ta' Garanzija tas-Settur Kulturali u Kreattiv, mekkaniżmu finanzjarju maħsub biex jgħin fiż-żieda tal-proġetti kulturali u kreattivi billi jipprovdi assigurazzjoni lill-intermedjarji finanzjarji.

Il-pjattaforma tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3) dwar il-Modernizzazzjoni Industrijali identifikat għadd ta' strateġiji R&I li jiffokaw fuq is-CCI u tesplora rabtiet ġodda bejn l-assi lokali, is-swieq potenzjali u l-isfidi tas-soċjetà permezz tal-involviment ta' sett kbir ta' atturi intraprenditorjali. B'mod partikolari, il-promozzjoni ta' sħubiji ġodda bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi hija tħassib ewleni tal-istrateġiji S3, li jitolbu l-istabbiliment ta' pjattaformi kollaborattivi ġodda.

Konklużjoni

KKI tal-EIT dwar is-CCI hija l-aktar addattata biex tindirizza l-isfidi ekonomiċi u soċjetali ewlenin deskritti hawn fuq. Il-kreattività hija xprun ewlieni għall-innovazzjoni u KKI dwar is-CCI għandha l-kapaċità li tisfrutta l-potenzjal tal-kreattività bbażata fuq il-kultura u tgħin biex jissaħħu l-kompetittività u t-tkabbir intelliġenti tal-Ewropa.

KKI tal-EIT dwar is-CCI ser:

- Tnaqqas il-frammentazzjoni tax-xenarju tal-innovazzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi billi trawwem il-ħolqien ta' ekosistemi tal-innovazzjoni li jgħaqqdu l-atturi u n-netwerks mis-setturi u d-dixxiplini kollha fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE.
- Tħarreġ lill-ġenerazzjoni li jmiss ta' innovaturi fis-setturi tas-CCI billi tgħammarhom bil-ħiliet tekniċi u intraprenditorjali neċessarji li huma meħtieġa biex jirnexxu f'ambjent li qed jinbidel malajr.
- Tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kundizzjonijiet ta' qafas xierqa biex tittrasforma l-ideat fi żviluppi teknoloġiċi ġodda u innovazzjoni soċjali li jtejb u l-kwalità tal-ħajja u li minnhom jibbenifikaw iċ-ċittadini tal-UE.
- Trawwem il-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi ġodda fis-setturi kulturali u kreattivi billi timmobilizza l-investment u l-impenn fit-tul mis-settur tan-negozju.
- Toħloq sinerġija mal-KKI eżistenti, kif ukoll ma' sħubiji, programmi u inizjattivi Ewropej oħrajn biex tmexxi l-innovazzjoni lil hinn mill-industriji kulturali u kreattivi f'setturi oħrajn tal-ekonomija.
- Issaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE bħala attur globali fis-CCI billi tisfrutta l-kreattività u d-diversità kulturali tal-Ewropej.